**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 4/2021 BS**

**Yc**

**-vs-**

**Gc**

**Illum 25 ta' Frar 2021**

Digriet Kamerali

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fl-04 ta' Frar, 2021 Yc (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenta"), ippreżentat rikors li permezz tiegħu talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Gc (minn issa 'l quddiem imsejjħin "l-intimat") li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:

"Illi l-esponenti ghandu l-interess illi l-minuri hawn taht imsemmija ma tittihidx barra minn Malta;

Illi l-intimat huwa persuna li ghandu jew li jista' ikollu l-kustodja legali jew attwali ta' l-imsemmi minuri;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn huwa jigi ordnat milli jiehu jew jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta;

Dettalji tal-minorenni: Sc
Data tat-twelid: 7 ta' Gunju 2018
Imwielda Malta, bint Gc u Yc
fil-5 ta' Marzu 1974 residenti 11, Triq Isouard, San Pawl il-Bahar.

Ragunijiet:

1. L-intimat u l-esponenti kienu mizzewgin u bejniethom kellhom kuntratt ta' separazzjoni 'Dok B'.

2. L-intimat hedded lill-esponenti kemm-il darba li jaqbad lill-minuri u jehodha barr minn dawn il-Gzejjer.

3. L-intimat ghandu diversi passaporti ossija jista' jkollu diversi passaporti, barra dak Malti u cioe' dak tal-Gran Brittanja u tar-Republika Irlandiza.
4. L-esponenti ghandha l-biza li l-intimat jahtaf lill-minuri u jitlaq biha barra minn Malta."

Minn naha taghha l-intimat jilqa ghal pretensjonijiet tar-rikorrenta billi jissottometti li:
"Illi fl-ewwel lok l-intimat jissoleva l-privilegium fori ai termini tal-Artikolu 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 741(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex kompetenza biex tisma' din il-kawza.

Skont l-artikolu 50 tal-Kap 12 il Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' pretensjoni kontra "... l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tieghu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti."

Illi r-rikorrenti ma ghandhiex ir-residenza ordinjara taghha fil-Gzira ta' Ghawdex izda f'Malta fil-post indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet li jinsab anness mar-rikors tar-rikorrenti cioe 68 George's 23rd April Street Qormi tant li anke l-indirizz taghha fil-karta tal-identita juri dan l-indirizz li ghdu hekk sal-lum u li qed tiddikjarfa mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li dan il-fond huwa r-residenza ordinarja taghha.

Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, il-privilegium fori jispicca "Meta l-obbligazzjoni li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi ezegwita fi Gzira partikolari" (artikolu 770 Kap 12).

Huwa evidenti li dan il-provvediment japplika f'kaz ta' obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcji ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "... il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell'una della dette isole determinatament."

Ill l-partijiet fl-artikolu 6(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet li jinsab anness mar-rikors promotur, il-partijiet kienu ftehmu li f'kaz ta' xi kwistjoni bejniethom rigward il-minuri hija l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u mhux din il-Qorti cioe l-Qorti tal-

Magistrat (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Familja tant li ftehmu wkoll li jekkxi parti tkun assenti mill-Gzira ta' Malta (u mhux mill-Gzejjer ta' Malta), l-kustodja u l-awtorita tal-genitur ghal dak il-perjodu tkun assenti tghaddi ghand il-genitur l-iehor.

Para 6 (i) jghid espressament hekk:

6. With regard to the Parties' minor child, the Parties agree as follows:-

   i. the said minor child shall for the duration of their majority remain subject to the authority of both their parents, the said Spouses, who shall jointly take all major decisions concerning the welfare, education, travel and health of the said minor child. In the event of a dispute arising between the parties regarding the said minor, the issue shall be determined by the Civil Court, Family Section. Furthermore, in the event that either of the parties is absent from the Island of Malta, or is otherwise inacapable of fully discharging the obligations incumbent on that party, the custody and parental authority shall for the duration of such absence or incapacity be exercised by the other party.

It-talba li qed taghmel ir-rikorrenti hija dwar il-minuri u li ghalhekk galadarba r-rikorrenti qed taqla din il-kwistjoni rigward il-minuri r-rikorrenti hija marbuta mal-artikolu 6(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni meta accetta li l-kompetenza tkun tal-Qorti Civli (sezzjoni tal-familja) u mhux din il-Qorti.

Illi fil-mertu l-intimat jissottometti dan li gej:

Illi t-talba tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja stante li saret biss wara l-Qorti Civli (Sezzjoni Familja) laqghet it-talba tieghu sabiex r-rikorrenti ma ssifirx minn dawn il-gzejjer liema talba r-rikorrenti kellu jaghmilha wara li l-istess Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex hija ssiefer bit-tifla ir-Russja minghajr ma tat ebda data meta kien behsiebha tirritorna Malta (kopja digriet anness).

Illi l-esponenti jichad u hija gid sfaccata tar-rikorrenti meta tallega li huwa hedded lir-rikorrenti li huwa ser jaqbad lil minuri u jehodha barra minn dawn il-Gzejjer kemm ghaliex komunikazzjoni bejn il-partijiet hija kwazi zero da parti tar-rikorrenti u kif ukoll l-access ghal minuri skont il-kuntratt ta' separazzjoni sakemm il-minuri jkollha (3) snin l-access ikun fil-prezenza tal-omm (para 7(i) kuntratt ta' separazzjoni.

Illi l-bizgha li qed tghid li ghandha r-rikorrenti li l-esponenti jahtaf lil minuri hija ghal kollox infondata kemm ghax ir-rikorrenti mindu harget tqila halfet li l-missier ma jkunx parti fil-hajja tat-tarbija tant li bdiet il-proceduri ta' separazzjoni meta kienet tqila u kif ukoll ghax ir-rikorrenti taghmel minn kollox biex tkun difficli u ma thalliehx jibni relazzjoni ma bintu.

Illi l-passaport tal-Gran Brittanja ghandha wkoll passaport tal-Gran Brittanja tar-rikrorenti u passaport Irlandiz. Illi fiz-zewg okkazzjonijiet ghandu bzonn il-firem taz-zewg genituri biex japplika ghal passaport ghal bintu. Huwa qatt ma applika ghal dan il-passaport ghax jaf li l-omm mhix ser taghtih l-kunsens biex isiefer minn dawn il-gzejjer.

Illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jaghmilha cara li hadd mill-partijiet ma jista' jsiefer bil-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg partijiet (art 6(c)) u li l-passaport ghal minuri ghandu jkun bil-firma taz-zewg portijiet (6 (ii)(b) tal-istess kuntratt anness Dok A.

Inoltre, huaw ghandu job fiss hawn Malta b'kuntratt indefinit u ghandu r-residenza tieghu f'Malta u qatt am tghaddilu minn mohhu li huwa jahrab bil-minuri kemm ghax il-minuri ma thalliehx jara lit-tifla wahdu u sa tlett snin dan dejjem isir fil-prezenza tal-omm kif ukoll ghaliex skond il-kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jaghmel dan u kif ukoll ghax huwa mhux se jghaddi lil bintu minn ebda trawma bhal ma hu l-kaz ta' abduction.

L-esponenti jaghmel referenza wkoll ghal fatt li fl-Unjoni Ewropeja tezisti l-Brussels II fejn anke jekk ir-rikorrenti jahrab bit-tifla, bilfors irid jirritornaha f'Malta kemm ai termini tal-Brussels II u kif ukoll skont ic-Child Abduction Convention. Mhux bhar-Russja li ghadha sal-lum ma implimentatx ic-Child Abduction Convention u kien proprju ghalhekk l-esponenti kellu jirrikorri ghal mandat ta' impediment ta' safar ghal minuri u kif ukoll ghax ir-rikorrenti setghet tapplika ghal passaport Russu ghal minuri minghajr il-firma tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda."

Fl-04 ta' Frar, 2021, ingħata digriet li permezz tiegħu il-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimat hamest ijiem żmien għar-risposta ;

L-intimat intavola r-risposta tieghu fit-08 ta' Frar, 2021.

Fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2021, il-partijiet ittrattaw l-eccezzjoni tal-*priviliegium fori* sollevata mill-intimat.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta Frar, 2021, fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-intimat u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghad-19 ta' Frar, 2021.

Fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2021 wara li l-partijiet trattaw ir-rikors dan thalla ghad-digriet *in camera*.

Rat l-atti kollha.

**IT-TALBA**.

Ir-rikorrenta qed titlob lil Qorti tordna il-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimat jinżamm milli jiehu lill-minuri Sophia Chesswas, bint il-partijiet, barra minn Malta.

**IR- RISPOSTA TA' L-INTIMATA**

L-intimat, in succint, jilqa ghat-talbiet tar-rikorrenta billi jghid li t-talba taghha hija wahda frivola u sfaccata u dana meta wiehed iqis li skond il-kunttratt ta separazzjoni l-access li gie akkordat bejn il-partijiet huwa li jara lill-bintu fir-residenza ta l-omm u dana sakemm il-minuri jkollha tlett snin.

Jghid illi sabiex jaghmel passaport ghal bintu ghandu bzonn il-firma ta' l-omm u I sal-lum qatt ma applika ghal passaprt ghal minuri ghax jaf li r-rikorrenat ma hix ser taghtih il-kunsens taghha. Inoltre il-kuntratt ta separazzjoni jghid car u tond li sabiex il-minuri ssiefer hem bzonn tal kunsens taz-zewg partijiet.

Barra minn hekk huwa ghandu xoghol fiss Malta. Jishaq illi fl-Unjoni Ewropea tezisti il-*Brussels II* li tobblligah jigi lura Malta bit-tifla u dana minbarra li hemm ukoll ic-*Child Abduction Convention.* Jghid illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tiġi miċħuda ghax ma tissodisfax ir-rekwiziti ghal hrug ta tali mandat.

**Provi.**

Waqt is-smigh tar-rikors xehedet ir-rikorrenta li hija separata mill-intimat. Tghid illi hija tibza li l-intimat ser japplika ghal passaport irlandiz ghat-tifla. Mistoqsija mill-Qorti jekk dan hux biza taghhha jew jekk tafx li qieghed fil-process li japplika ghall-passaport hija tghid li qed tibza li jaghmel dan. Tafferma illi huwa qalilha li jaf kif igib passaport ghat-tifla minghajr il-kunsens taghha.

Tghid ukoll li l-intimat ma ghandux access ghad-dar taghha ghax hija biddlet is-serratura. Tafferma li l-intimat imdejjaq Malta u irid jitlaq u hija ibza li jiehu t-tifla mieghu bil-mohbi. Mistoqsija jekk tafx bl-ezistenza ta passaport ghall-minuri r-rikorrenta tghid li ma tafx jekk hemmx wiehed mahrug f'isem it-tifla. Taccetta li l-access ezercitat mill-intimat isir fil-prezenza taghha.

Da parti tieghu l-intimat jissottometti li hija kienet theddu li ma jarax it-tifla meta r-rikorrenta kienet ghadha tqila. Jghid li hem mandate ta inibizzjoni li jzomm lir-rikorrenta milli tiehu t-tifla barra minn Malta u ghalhekk hija qed taghmel it-talba llum. Jafferma li ma jezisti l-ebda passaport ghal minuri. Jghid li ma ghandu l-ebda intenzjoni li jahrab bit-tifla.

**ID-DRITT.**
L-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi inter alia illi:

"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.

(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik ilpersuna ta' taħt l-età barra minn Malta.

(3) Il-mandat għandu jiġi wkoll notifikat:

(a) lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ ta' passaporti b'ordni biex ma joħroġx, u/jew jikkonsenja, passaport li fih ikun hemm imdaħħal ilpersuna ta' taħt l-età u biex ma jdaħħalx isem dik il-persuna taħt l-età fil-passaport tar-rappreżentanti legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra; u
(b) lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ordni biex ma jħallix lil dik il-persuna ta' taħt l-età titlaq minn Malta."

**Ikkunsidrat.**

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-Mandat t'Inibizzjoni ta' partenza ta' minuri, ir-rikorrenta jehtiegilha tissodisfa zewg elementi:

a) Fl-ewwel lok, trid turi li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li tippretendi li ghandha; u
b) fit-tieni lok, trid tipprova li *prima facie* ghandha dawn il-jeddijiet.

Anke jekk ir-rikorrenta ghandha jedd *prima facie* x' tittutela, il-grad ta` pregudizzju li tkun se garrab jekk il-jedd taghha *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun irrimedjabbli – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib[1].

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrenta tkun qieghda tilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat[2].

---

[1] Qorti tal-Kummerc – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]
[2] Prim`Awla tal-Qorti Civili – 2 ta` Jannar 1993 - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali[3]. Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrenta jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal-Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' Mandat ta' Impediment ta' Partenza ta' Minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri[4].

Fil-kaz odjern jirrizulta li minn imkien ma rrizulta li l-minuri inhargilha xi passaport u ghalhekk ma hemm l-ebda indikazzjoni li tista tinhareg minn Malta b'mod regolari. Irid jinghad ukoll kif diga spjegat li mandat ta' inbizzjoni ma jinharigx minhabba dizagju jew thassib. F'dan il-kaz huwa ben car li r-rikorrenta qed tibza li l-intimat jista jaghmel passaport lill-minuri u li jista jahrab biha. Mistoqsija minn din il-Qorti ghal darba darbtejn, ir-rikorrenta ikkonfermat illi hija iggwidata minn dan il-biza. Il-Qorti pero tqis li dan il-biza certament ma hux sufficjenti sabiex ir-rekwiziti kollha tal-ligi ghall-hrug ta' Mandat t'Impediment ta' Partenza ta' minuri jkunu sodisfatti mir-rikorrenta u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad it-talba.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenta.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lill-Awtoritajiet koncernati.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[3] Charles Mugliett vs Saviour Bonnici deciza fil-25 ta' Jannar 2005 per Imhallef Joseph R. Micallef.
[4] Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001